MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 8/2006

**Perit Wilfred De Battista**

**vs**

**L-Awtorita` ta' l-Ambjent u l-Ippjanar ta' Malta u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2007 gie kjamat fil-proceduri Paul Farrugia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-Awtorita` tal-Perit Wilfred Debattista datat 31 ta' Lulju 2006 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz ta' decizjoni ta' l-14 ta' Lulju 2006 il-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar cahad l-appell ta' l-appellanti ghaliex huwa ma kienx *registered objector* kif titlob il-ligi.
Illi fil-qosor il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

1. L-applikazzjoni originali kienet tikkonsisti fi zvilupp ta' "*terraced house*" *maisonette* wahda u tletin/tnejn u tletin *garage*. Din giet ippubblikata regolarment u *stante* li l-gholi ta’ l-izvilupp ma kienx se jeccedi l-hitan tas-sejjiegh, u l-bini tar-residenzi kienu limitati ghall-ewwel hamsa u ghoxrin metru (25m) mit-triq ta' l-istess tul tal-bini agjacenti, l-appellant ma oggezzjonax ghall-izvilupp;
2. Fis-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2000 l-applikazzjoni giet irrifjutata (DCC66/00);

3. Fis-27 ta' Lulju 2000 giet intavolata rikonsiderazzjoni u fis-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2002 u tal-15 ta' Lulju 2003 l-applikant gie mistoqsi jissottometti pjanti godda.

4. Dawn il-pjanti riveduti gew sottomessi fl-4 ta' Awissu 2003 pero` stranament l-applikazzjoni giet approvata fis-seduta tal-Kummissjoni tal-Kontroll ta' l-Izvilupp tat-23 ta' Gunju 2003.
5. Fis-seduta tad-9 ta' Settembru, 2003 ic-Chairman tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp sostna f’minuta 81 li *stante* li kien hemm kambjament fl-izvilupp "*The proposed wording has to be changed*". Fil-fatt l-izvilupp issa gie jikkonsisti f’erba' *dwelling units* u hmistax-il garage. Il-posizzjoni tal-bini tal-*maisonettes* inbidlet totalment minn zvilupp fuq il-faccata tat-triq ghal wiehed intern b'bini ta' zewg sulari jaghti fuq il-gonna tad-djar agjacenti, liema djar huma karatteristici tas-Siggiewi u ufficjalment rikonoxxuti bhala ta' valur ta' *status* ta' UCA.
6. Jidher li kemm Ray Scicluna, *Planning Technician* u Claire Schembri qablu li minhabba l-bidla fl-izvilupp kellha ssir pubblikazzjoni mill-gdid, pero' din saret **wara** li ttiehdet id-decizjoni ta' approvazzjoni!
7. B'ittra tat-12 ta' Marzu 2004 l-applikant gie nfurmat li l-applikazzjoni kellha terga' tigi ppublikata u li kellu jitwahhal *site notice* gdid – *Red* 112. Fil-fatt giet ippublikata fil-gazzetta lokali fl-20 ta' Marzu 2004.
8. L-appellant oggezzjona ghall-izvlupp kif emendat [*acknowledgment* datat 29 ta' Marzu 2004] u meta avvicina lic-*Chairman* tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp dan qallu li l-oggezzjoni ma kinitx se tigi

kkunsidrata ghaliex l-applikazzjoni kienet approvata u l-pubblikazzjoni saret ghaliex kien hemm *lapsus*;

9 Il-permess igib id-data 17 ta' Mejju 2004.

Illi *in succint* il-Bord ta' l-Appell iddecieda li ladarba l-appellant ma kienx *registered objector* ghall-applikazzjoni originali *ai termini* ta' l-**artikoli 15 (d)** u ta' l-**artikolu 32(5) tal-Kap 356** l-oggezzjoni tieghu wara t-tieni pubblikazzjoni kienet *fuori termine*.
Illi l-aggravji ta’ l-appellant huma tnejn :-
A. Interpretazzjoni u applikazzjoni korretta tal-ligi ma tiddistingwix bejn persuna interessata li joggezzjona fi kwalunkwe stat ta’ pubblikazzjoni ta' applikazzjoni; u

B. il-procedura wzata mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fl-iprocessar ta' l-applikazzjoni 6702/99 kienet illegali u ghalhekk il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar kien obbligat jiddikjara li ma gietx segwita l-ligi.
**A. Registered Objector**
Illi l-Att numru I tat-1992 kif emendat fl-**artikolu 32(4)** jistabilixxi li l-Awtorita` i!-**ghandha** (***shall***) tippubblika kwalunkwe applikazzjoni fil-gazzetti lokali u tirreklama l-izvilupp propost permezz ta' avviz mwahhal mal-faccat tas-sit. Kopja ghandha tinghata lill-Kunsill Lokali. Is-**subinciz 5 tal-artikolu 32** itenni li kwalunkwe persuna jista' joggezzjona fuq principji ta' ippjanar basta din l-oggezzjoni ssir fi zmien hmistax-il gurnata.
Illi l-**artikolu 15(1) (d) (i)** itenni li appell jista’ jsir biss *minn terza persuna interessata li tkun ghamlet kummenti bil-miktub skond l-***artikolu 32 (5)** *meta tigi ppublikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp.*

Illi l-Bord ta’ l-Appell tal-Ippjanar naqas li jsegwi l-ligi meta tenna li sabiex ikun persuna nteressata ghall-iskop ta' appell persuna kellha tkun oggezzjonat ghall-izvilupp originali.

Dan ir-ragunament lanqas isib sostenn logiku ghaliex l-iskop ta' pubblikazzjoni huwa wiehed semplici u cioe` li tinghata pubblicita` ghall-proposta ta' zvilupp biex ma jigux lezi d-drittijiet tac-cittadin.

Issa jekk proposta ta' zvilupp konsistenti f' kuncett u pjanti bhala per ezempju bini ta' dar u zewg *garages* tinbidel fi stadju ta' rikonsiderazzjoni b'dan illi l-izvilupp jinbidel ghal wiehed ta' appartamenti u hmistax-il *garage*, jista' jkun li min ma kellux oggezzjoni ghall-izvilupp originali issa jkollu oggezzjoni ghall-izvilupp kif mibdul.
Illi f'dawn ic-cirkostanzi skond il-Bord ta' l-Appell ic-cittadin jigi mcahhad mid-dritt ta' oggezzjoni u appell sussegwenti!
Illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell lanqas issib sostenn mic-cirkolari stess ta' l-appellata. Il-*Manual* tal-process ta' l-Ippjanar jistabilixxi fl-*artikolu 6.1* is-segwenti:
*If amended plans are received in relation to a valid application and these plans substantially alter the nature of the development (especially in terms of scale and use) the application will now be advertised in the press*
Illi fil-kaz in dizami l-proposta originali ta' dar, *maisonette* u erbgha u tletin garaxx inbidlet f'dar, sitt *maisonettes* u hmistax-il garage bil-*maisonettes* go *internal development* go *Urban Conservation Area*.
Illi ghalhekk huwa car u manifest li l-uniku nterpretazzjoni u applikazzjoni gusta tal-ligi hija li persuna nteressata tista' toggezzjona fi kwalunkwe stadju ta' pubblikazzjoni ghaliex altrimenti jista' jsir abbuz kbir billi persuna tapplika ghal zvilupp accettabbli u wara, waqt il-process ta' approvazzjoni, jinbidel fi zvilupp totalment differenti u inaccettabbli.

Jigi bir-rispett sottomess li fuq dan l-aggravju biss l-appell ghandu jigi milqugh ghaliex d-decizjoni tal-14 ta' Lulju 2006 hija dik li tissejjah *bad law*.
Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha gurisdizzjoni tisma' dan l-appell ghaliex kif gie enuncjat korrettement fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Martin Debrincat vs Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar et** tat-23 ta' Frar 2005, *ai termini* ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** fejn dritt ta' appell jezisti fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord [ta' l-Appell] "dan ifisser illi biex din il-Qorti jkollha gurisdizzjoni f' kazijiet bhal dan ikun irid jintwera li l-appell ikun bazat fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord." Ara wkoll **Francis Mugliett vs Awtorita' tal-Ippjanar** Appell 31 ta' Mejju 1996 u **Zaren Camilleri vs Awtorita' tal-Ippjanar**, Appell, 28 ta' Frar 1997.

Illi f'dan l-appell ghandu bir-rispett jirrizulta lil din il-Qorti li l-aggravju huwa dwar punt ta dritt (dritt li toggezzjona mal-pubblikazzjoni) li gie trattat quddiem il-Bord u li d-decizjoni dwar dan il-punt tirrizulta mis-sentenza.

**B. Nuqqs ta' tharis tal-ligi.**

Illi l-Permess numru PA6702 tas-17 ta' Mejju 2004 huwa null u bla effett ghaliex l-Kummissjoni tal-Kontroll ta' l-Izvilupp eccediet il-poteri taghha.

Illi l-appellant fl-appell tieghu quddiem il-Bord talab l-istess Bord jiddikjara l-permess null ghaliex ma gietx segwita l-procedura stabbilita mill-appellata fejn *si tratta* ta' bdil ta' pjanti fi stadju ta' rikonsiderazzjoni.

Il-Bord tal-Appell iddispona minn dan l-aggravvju billi qal erronjament li:

*"anke jekk saru xi modifiki ghall-proposta originali li saru fuq rakkomandazzjoni ta' l-Awtorita` stess dan ma jfissirx li saret applikazzjoni gdida u ghalhekk certament il-kaz ma kienx jirrikjedi li l-applikazzjoni tigi ppublikata".*

Illi kif se jintwera l-Bord iddecieda dan l-aggravvju b'mod legalment hazin u *ai termini* ta' dak citat fil-kawza Martin Vella vs L-Awtorita` tal-Ippjanar Appell 12 ta' Mejju 1997, meta l-Bord ma rreferix ghal-ligi applikabbli f'materja ta' pubblikazzjoni "ifisser li ddecidiet il-punti legali malament."

Illi qabel xejn jinghad li l-appellant jaccetta l-Kummissjoni tal-Kontroll ta' l-Izvilupp ghandha d-dritt titlob u tircievi pjanti godda fi stadju ta' processar ta' applikazzjoni [ara, **artikolu 13 (6) tal-Kap 356**] b'dan illi pero` li meta tali tibdil ikun wiehed sostanzjali l-applikazzjoni ghandha terga' tigi ppublikata.

Illi skond l-**artikolu 30 (3) (d) tal-Kap, 356** l-uzu ta' bini li jirrizulta f'zieda jew tnaqqis fin-numru ta' unitajiet ghall-abitazzjoni li fih il-bini kien uzat qabel gie deskritt bhala bdil sostanzjali.

Illi skond l-istess **artikolu 13 (7) tal-Kap, 356** *"bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' hawn fuq **u ghar-regoli li jistghu jigu preskritti mill-Awtorita`** l-Kummissjoni tista' tirregola l-proceduri taghha".*

Illi skond ic-cirkolari PA 4/97 *section* 6.1 "*If amended plans are received in relation to a valid application and these plans* ***substantially alter the nature of the development*** (*especially in terms of scale and use) the application* ***will be re-advertised*** *in the press.”*

Illi din ic-cirkolari ghalkemm m'ghandiex is-sahha ta' regolament fil-konfront tal-pubbliku hija regola li torbot il-Kummissjoni fil-qadi ta' dmirijitha *ai termini* tal-**artikolu 13 (7)** fuq citat.
Illi f’din l-applikazzjoni l-proposta nbidlet minn zewg *units* ghal erbgha u possibilment hamsa u minn tnejn u tletin *garage* ghall-15-il *garage* u bi zvilupp isir intern, *ossia footprint* ghal kollox differenti, flimkien ma' kuncett ta' *internal development* go sit sensittiv ta' zona ta’ konservazzjoni urbana. Jigi sottomess li din hija bidla sostanzjali.
Illi dan gie kkonfermat sahansitra mic-*Chairman* tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp li kiteb "*The proposed wording has to be changed*".
Illi membri tad-direttorat Ray Scicluna u Claire Schembri sostnew li kellha ssir pubblikazzjoni mill-gdid ghaliex kien hemm bdil sostanzjali fil-pjanti u fil-kuncett propost.
Illi huwa minn ewl id-dinja li l-pubblikazzjoni kellha ssir qabel u mhux wara li l-applikazzjoni kif emendata kellha tigi kkunsidrata.
Illi ghalhekk il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar kellu jiddikjara li l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp agixxiet *oltre* l-poteri taghha meta approvat l-applikazzjoni numru 6702/99 fil-laqgha tal-25 ta' Gunju 2003 u meta effettivament inghata l-permess fis-17 ta' Mejju 2004.
Illi kuntrarjament ghal dak li ddikjara l-Bord tal-Appell pubblikazzjoni ma ssirx ghaliex hemm xi applikazzjoni gdida imma ghaliex hemm bdil sostanzjali fl-applikazzjoni u n–natura tal-izvilupp.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant waqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti u waqt li jirriserva li jressaq provi ulterjuri permessi mil-ligi jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa’ l-appell, tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar tal-14 ta’ Lulju 2006; tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kontroll tal-Izvilupp tal-15 ta’

Settembru 2003 u l-permess numru 6702/99 mahrug fis-17 ta’ Mejju 2004 bhala null u bla effett, u fin-nuqqas, f’ kaz li tintlaqa’ l-ewwel talba imma mhux it-tieni; tordna lill-Bord tal-Appell diversament kompost jisma’, jindirizza u jiddeciedi l-appell interpost mill-appellanti fil-21 ta’ Gunju 2004.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 4 ta’ Awissu 2006 a fol. 10 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Perit Wilfred Debattista vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghar-rikors ta’ l-appell ta’ Wilfred De Battista datata 12 ta’ Jannar 2007 a fol. 16 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi fil-kaz odjern l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet harget rifjut ghall-applikazzjoni biex jinbdew “*maisonette*” u numru ta’ garaxxijiet gewwa s-Siggiewi. Fl-ipprocessar tal-applikazzjoni kien hemm *objector* wahda li zgur ma kienx l-appellant. L-appellant odjern fl-ebda stadju tal-iprocessar tal-applikazzjoni ma oggezzjona.

2. Illi naturalment, l-applikant talab biex issir *re-consideration* mir-rifjut, u f’dan l-istadju ntalab biex jemenda l-pjanti jekk ried li tali applikazzjoni tigi favorevolment milqugha ghaliex kif kienet ma kinetx ser tigi milqugha.

3. Illi l-applikant hekk ghamel u minn hawn qamet il-kwistjoni odjerna. Il-Bord iddecieda li jilqa’ t-talba tal-applikant kif giet emendata, u konsegwentement ried jigi

emendat il-*proposal*. Ghaldaqstant ghalhekk regghet saret ir-*re-publishing* minhabba dan il-bdil fil-proposta.

4. Illi l-emendi li saru ma kienux tali li l-kontenut taghhom kellu jerga' jigi ppublikat u dan peress li n-natura tal-izvilupp baqghet kif kienet u zgur li ma kinetx aktar oneruza ghall-pubbliku in generali tant li n-numru ta' garaxxijiet kienu ser jonqsu.

5. Illi l-principju hu jekk l-appellant kellux id-dritt li joggezzjona fl-istadju ta' *reconsideration* meta ma kienx *a registered valid objector* skond l-**arikolu 32 (4) tal-Att I tal-1992.**

6. Jekk wiehed jifli l-provediment tal-**Att I,** jibda billi jara l-**Art. 32(5)** fejn huwa car min huwa meqjus bhala *valid registered objector ai termini* ta' dak l-Att u cioe` kull min joggezzjona fi zmien hmistax-il gurnata minn meta jigi ppublikat l-avviz imsemmi fis-sub-paragrafu (4) fejn jitkellem specifikatament fuq l-applikazzjoni originali u fl-ebda hin ma tissemma' r-rikonsiderazzjoni.

7. Illi jekk wiehed jara l-**Art. 37 (3)** li hija l-provediment fuq ir-rikonsiderazzjoni, dan jghid illi l-applikant jista' jigi mitlub mill-Awtorita` biex jissottometti pjanti godda izda li tali pjanti godda ma jistghux ibiddlu s-sustanza tal-izvilupp kif propost fl-applikazzjoni originali. Ghaldastant, jekk dawn il-pjanti godda ibiddlu s-sustanza, dawn ma jistghux jigu kkunsidrati. L-artikolu jkompli jghid b'mod car illi dawk il-persuni li kienu validament oggezzjonaw fl-ipprocessar tal-applikazzjoni skond l-**Art. 32 (5),** ghandhom jigu notifikati b' dan.

8. Illi ghaldaqstant huwa car illi a bazi ta' dan l-artikolu l-appellant ma kellux dritt li jaghmel l-oggezzjoni tieghu u l-pubblikazzjoni tal-proposta kienet biss formalita' u l-fatt jekk din kellhiex issir qabel jew wara d-decizjoni ma kenitx ser tbiddel xejn minn dak li gie deciz u ma gew ivvjolati l-ebda drittijiet ta' terzi persuni nkluz l-appellant odjern. Jekk l-appellant odjern jidhirlu li saret xi ngustizzja mieghu, zgur ma jistax iressaq l-ilment tieghu f'dan l-

appell izda jista’ ikollu rimedji ohra fil-ligi jew taht l-istess Att. I tal-1992.

9. Illi fl-ebda stadju, kif qed jghid l-appellant, kien hemm xi dikjarazzjoni min-naha tal-Awtorita` li tali pjanti godda kienu jbiddlu s-sustanza tal-izvilupp. Dan qed jghidu l-istess appellant sabiex ikun jista’ jissostanzja t-tezi tieghu.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata erbatax (14) ta’ Lulju 2006 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant il-Perit Wilfred De Battista, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-erbatax (14) ta’ Lulju 2006 bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat ir-risposta ta’ Paul Farrugia ghall-Appell tal-Perit Wilfred De Battista datata 7 ta’ Frar 2007 a fol. 20 tal-process fejn espona: -

1. Illi l-appell huwa null *stante* li l-appellant naqas li jadixxi wkoll immedjatament kontra Paul Farrugia meta dan kien l-applikant. Dan in-nuqqas ma jistax jigi sanat bil-kjamata in kwaza tieghu;

2. Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell hi wahda gusta u tajba kemm fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghalhekk l-aggravji imressqa f’ dan l-Appell ghandhom jigu michuda;

3. Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Bord tal-Appell u ghar-risposta prezentata mill-MEPA;

4. Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad illi dan l-Appell huwa null ghaliex mhuwiex wiehed imsejjes fuq punt ta’ ligi, ghalkemm l-appellant hekk jipprova jaghmlu jidher. Il-fatt u decizjoni jekk l-appellant kienx *objector* ghall-applikazzjoni ma oggezzjna PA6702/99 huwa punt ta’ fatt u mhux punt ta’ ligi.

5. Jigi nnotat pero` li l-appellant odjern fl-ebda stadju tal-ipprocessar tal-applikazzjoni ma oggezzjona ghall-izvilupp; ghalhekk hu ma kellux dritt li jappella quddiem il-Bord tal-Appell;

6. Dwar it-tieni aggravju l-appellant ukoll jipprova jivvinta punt ta’ ligi meta dan ma jezistix; il-Bord tal-Appell hares il-ligi b’mod skrupluz. Huwa punt ta’ fatt li ma kien hemm ebda applikazzjoni gdida u huwa punt ta’ fatt meta l-Bord tal-Appell iddecieda li l-bidla fil-pjanti (suggerita mid-DCC) ma kinetx wahda sostanzjali. Jinghad hawn li n-numru ta’ *garages* fil-fatt naqas u mhux zdied. L-emendi li saru fil-pjanti ghalhekk ma kinux jinhtiegu pubblikazzjoni mill-gdid.

7. Illi skond il-ligi (**Art 32(5)**) il-“*valid registered objector* huwa min joggezzjona fi zmien hmistax mill-pubblikazzjoni tal-avviz imsemmi fis-sub-para 4 – cioe` mill-pubblikazzjoni tal-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni originali u mhux mir-rikonsiderazzjoni.

8. Illi l-pjanti emendati ma bidlux is-sustanza tal-izvilupp – dan il-fatt gie deciz mill-Bord tal-Appell u dan huwa punt ta’ fatt u mhux ta’ ligi. Huwa ghalhekk li l-Bord tal-Appell fuqu ghandu wkoll zewg periti. Ladarba dan hu punt ta’ fatt l-appellant ma setax jappella minn din id-decizjoni. Din ma kenitx titqies bhala applikazzjoni gdida u ghalhekk minn ma kienx *objector* mill-bidu ma setax issir jirregistra lilu nnifsu bhala *objector* issa.

9. Illi ntant l-Appell fih sottomissjonijiet gratwiti li ma jirrizultawx mill-process, bhal ezempju, l-appell jindika li kellha ssir pubblikazzjoni mill-gdid ghax kien hemm bdil sostanzjali fil-pjanti. Dan il-fatt ma jirrizulta minn imkien u mhuwiex minnu.

10. Illi ntant l-appellant ma jistax juza dan l-Appell biex jiddikjara nulla decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kontroll tal-Izvilupp.

11. Illi l-Appell huwa wiehed frivolu u ntiz biss biex itawwal process li dejjem ghandu jwassal ghall-

akkolljiment tal-Applikazzjoni kif proposta u kif *del resto* giet modifikata fuq parir tal-istess Kummissarju tal-Kontroll tal-iZvilupp.

Ghal dawn il-motivi l-esponent filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi gia` prodotti u partikolarment ghad-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-14 ta’ Lulju 2006 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad dan l-Appell u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tal-Appell bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat ir-rikors tal-Perit Wilfred Debattista datat 3 ta’ Awissu 2007 a fol. 25 tal-process fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tordna l-intimat sabiex jannetti l-*file* PA6702/99 hekk kif spjega u dan taht kull provediment li jidhrilha xieraq u opportun; u l-Qorti, wara li ordnat in-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, laqghet it-talba, anke peress li ma kienx hemm oppozizzjoni; u dan b’ digriet moghti fis-7 ta’ Settembru kif jidher a fol. 27 tal-process.

Rat in-nota tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 29 ta’ Awissu 2007 a fol. 28 tal-process li biha esebiet *animo ritirandi* l-*file* li ghalih saret referenza ghalih fir-rikors tal-Perit Wilfred De Battista fl-ahhar udjenza, u cioe` PA6702/99.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-Perit Wilfred De Battista datata 30 ta’ Novembru 2007 a fol. 29 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-kjamat fil-kawza Paul Farrugia b’ risposta ghan-nom tal-Perit Wilfred De Battista a fol. 34 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta’ Jannar 2008 a fol. 40 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2007 meta ssejjah l-appell deher Dr. Ray Zammit ghall-kjamat in kwaza Paul Farrugia. L-appell gie pospost. Meta rega’

ssejjah l-appell dehru wkoll Dr. Franco Vassallo u Dr. Joseph Camilleri ghall-appellanti, u Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-Awtorita` appellata. Dr. Franco Vassallo ghall-appellant talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-appellant biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti u l-kjamat in kawza li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-Awtorita` appellata u l-kjamat in kawza jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-appellant. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2008; u l-verbal tat-30 ta' April 2008 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Mejju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II.    KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi dan l-appell sar mill-appellant  il-Perit Wilfred Debattista mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar deciza fl-14 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet il-**"Perit Wilfred De Battista vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar"** fejn fl-istess decizjoni nghad li l-appell tat-terz kellu jigi michud peress li huwa ma kienx *registered objector* ghall-applikazzjoni Numru PA 6702/99, tant li jidher li huwa oggezzjona biss wara li saret il-pubblikazzjoni fil-Malta Indipendent fl-20 ta' Marzu 2004. Jinghad ukoll li din il-pubblikazzjoni lanqas kienet konformi mal-ligi peress li saret wara li l-istess applikazzjoni giet approvata meta kellha ssir meta l-istess applikazzjoni kienet accettata. Minn hawn l-istess appell tratta dwar il-mertu u sab li dak li kien oggezzjonabbli fl-istess applikazzjoni peress li kien eccessiv u ntensiv *f'urban conservation area* ma baqax iktar hekk ghaliex l-izvilupp gie ridott ghal skala accettabbli.

Illi dan l-appell sar peress li l-appellanti odjern sostna li huwa appella fit-terminu stipulat fl-**artikolu 32 (4) u (32)**

**(5) tal-Kap 356** u dan peress li la darba kien hemm bdil sostanzjali fl-izvilupp originali kif ghall-ewwel propost, mela allura l-Awtorita' kellha tippubblika mill-gdid l-istess proposta u allura ladarba din saret fl-20 ta' Marzu 2004 huwa gie li applika fit-terminu stabbilita fl-**artikolu 32 (5) tal-istess Kap** u cjoe' fi zmien mill-pubblikazzjoni tal-avviz imsemmi; fit-tieni lok jinghad li bil-mod kif gew mibdula l-pjanti dan kien jammonta ghal bdil sostanzjali tal-izvilupp u allura l-istess pubblikazzjoni kellha ssir qabel ma l-istess zvilupp jigi approvat u mhux wara.

Illi min-naha taghha l-Awtorita' appellata sostniet li l-istess appellant odjern ma kienx *third party registered objector* skond id-disposizzjoni tal-**artikolu 32 (4) u (5) tal-Kap 356** ghaliex ma ghamel l-ebda oggezzjoni ghall-applikazzjoni originali u allura ma kellu lanqas l-ebda *locus standi* fi stadju ta' rikonsiderazzjoni; fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni kull ma sar kien biss li giet emendata l-proposta originali u ghalhekk kien hemm bzonn ta' *"re-publishing minhabba dan il-bdil fil-proposta",* izda sostniet li *"l-emendi li saru ma kienux tali li l-kontenut taghhom kellu jerga' jigi ppubblikat"* u wara sostniet *"li l-pubblikazzjoni kienet biss formalita".* Jinghad li l-pjanti li gew sottomessi bl-ebda mod ma jbiddlu s-sustanza ta' l-izvilupp.

Illi min-naha l-ohra l-appellat Paul Farrugia jsostni li l-appell huwa null ghaliex l-appellant kellu jadixxi lill-istess mill-ewwel u mhux biss permezz ta' kjamat fil-kawza; u li huwa jaqbel mad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar; jghid li dan ma huwiex appell fuq punt ta' dritt izda fuq punt ta' fatt u allura mhux permessibbli mill-ligi u dan peress li l-punt jekk l-appellant huwiex *"third party objector"* huwa biss punt ta' fatt; jinghad ukoll li l-bidliet li saru fil-proposta tal-appellat ma kienux bidliet sostanzjali u dan huwa punt ta' fatt.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li l-punt jekk l-appellant huwiex *third party objector* skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 356 huwa punt ta' dritt li dwaru hemm appell lil din il-Qorti u dan ghaliex jittratta dwar punt ta' dritt li gie deciz mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi din il-Qorti tirrileva li hemm biss dritt ta’ appell minn terza persuna interessata kemm-il darba din tkun ghamlet oggezzjoni bil-miktub a bazi ta’ l-**artikolu 32 (4) u 32 (5) tal-Kap 356** u dan jinsab ukoll indikat fl-**artikolu 15 (1) (d) tal-Kap 356** li jghid li *“dak l-appell jista’ jsir minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32 (5) meta tigi ppubblikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta’ zvilupp”.*

Illi l-**artikolu 32 (4)** jipprovdi li *“l-Awtorita’ ghandha, ghas-spejjez ta’ min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta’ min japplika jigu ppubblikati fl-istampa lokali u mxandra b’avviz fis-sit….”*

Illi l-**artikolu 32 (5)** jipprovdi li *“kull persuna tista’, ghar-ragunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta’ ppjanar, taghmel sottomissjonijiet fejn toggezzjona kontra zvilupp. Din l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u ghandha jkollha esposizzjoni motivata ghaliha, u ghandha tasal ghand l-Awtorita’ fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta’ l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4)……L-Awtorita’ ghandha tikkonsidra u tiddeciedi dwar l-oggezzjoni. Kull persuna li tkun ghamlet oggezzjoni bil-miktub ghall-izvilupp kif inghad hawn fuq ghandha tigi nformata mill-Awtorita’ jew mill-Kummissjoni, skond il-kaz, meta jkunu gewipprezentati pjanti godda, jekk ikun il-kaz, u dik il-persuna ghandha tigi mistiedna, biex tkun prezenti ghall-laqgha tal-Awtorita’ jew tal-Kummissjoni meta dik l-applikazzjoni tigi diskussa”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tirreferi ghall-**artikolu 37 tal-Kap 356** li l-applikant jista’ jitlob li ssir rikonsiderazzjoni, skond **is-subartikolu (3)** jinghad li:-

*“Waqt l-istadju tar-rikonsiderazzjoni, l-Awtorita’ jew il-Kummissjoni, skond kif ikun il-kaz, tista’ titlob lill-applikant li jissottometti pjanti godda, f’liema kaz l-Awtorita’ jew il-Kummissjoni, skond il-kaz, ghandha taghti ragunijiet ghal dik it-talba, b’dan illi s-sustanza ta’ l-izvilupp ma ghandhiex tinbidel u kull persuna li tkun oggezzjonat bil-*

*miktub ghal dak l-izvilupp skond l-artikolu 32 (5) ghandha tigi mgharrfa illi gew prezentati dawk il-pjanti godda…….”.*

Illi appplikati dawn id-disposizzjonijiet ghall-kaz odjern jirrizulta li l-kjamat fil-kawza kien ghamel applikazzjoni fl-20 ta’ Dicembru 1999 sabiex f’sit f’Ta Brija Street, Siggiewi jibni *“terraced house, maisonette u 34-il garaxx u twaqqiegh ta’ hajt divizzorju”* u dwar dan saru diversi oggezzjonijiet izda mhux mill-appellant odjern. Jirrizulta li l-istess applikazzjoni giet rifjutata fis-27 ta’ Gunju 2000 u saret talba ghall-rikonsiderazzjoni fl-14 ta’ Lulju 2000 u jidher li din l-istess giet approvata fil-25 ta’ Gunju 2003, u sussegwentement gew prodotti pjanti godda mill-applikant fl-4 ta’ Awissu 2003, u l-applikant gie nformat mill-istess Awtorita’ li bil-bidliet li saru kellha terga’ ssir pubblikazzjoni u ssir *site notice* gdida u fil-fatt saret pubblikazzjoni fl-20 ta’ Marzu 2004 u s-*site notice* saret fit-12 ta’ Marzu 2004 u jidher li konsegwenti ghall-istess pubblikazzjoni saret oggezzjoni mill-appellant odjern datata 29 ta’ Marzu 2004 u hareg permess ghall-*“terraced house, maisonettes u 15-il garaxx u twaqqiegh ta’ hajt divizorju”* tali permess datat 17 ta’ Mejju 2004.

Illi din il-Qorti thoss li kontrarjament ghal dak li gie deciz mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar l-appellant odjern jikkwalifika bhala *third party objector* abbazi ta’ l-**artikolu 32 (4) u (5) tal-Kap 356** u dan peress li huwa oggezzjona ghall-izvilupp ippubblikat fl-20 ta’ Marzu 2004 konsistenti f’bini ta’ *“terraced house, maisonettes u 15-il garaxx u twaqqiegh ta’ hajt divizorju”*, u dan peress li dan fil-fatt kien l-ewwel darba li tali tip ta’ zvilupp jew ahjar proposta ta’ zvilupp kienet giet ippubblikata abbazi ta’ l-istess **Kap 365.**

Illi fil-fatt qabel kull ma gie ppubblikat kien zvilupp differenti minn dak fuq indikat tant li dan kien jikkonsisti *“terraced house, maisonette u 34-il garaxx u twaqqiegh ta’ hajt divizzorju”.* Illi jidher car li l-proposta ma baqghetx l-istess fi stadju ta’ rikonsiderazzjoni tant li kienet l-istess Awtorita’ stess li esegiet li ssir il-pubblikazzjoni mill-gdid skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 tal-Kap 356** u dan ghall-*“construction of terraced house, maisonettes*

*and 15 garages and demolition of existing boundary wall"* u dan ghaliex l-istess Awtorita' stess ikkonsidrat li kien hemm dak li hija ndikat bhala *"proposal changed from original submission".*

Illi dan ifisser li fil-verita' l-izvilupp ippubblikat fl-20 ta' Marzu 2004 kien sostanzjalment differenti minn dak originarjament propost mill-istess applikant, u allura wkoll minn kull proposta li kienet ippubblikata qabel, u dan ghaliex ma kienx jikkoncerna biss semplici bdil ta' pjanti izda bdil fis-sustanza ta' l-izvilupp, tant li kienet l-istess Awtorita' li esegiet proprju minhabba hekk li ssir pubblikazzjoni skond id-disposizzjoni tal-**artikolu 32 (4)** u ghalhekk din il-Qorti thoss li fil-verita' din kienet l-ewwel opportunita' ghall-appellant sabiex ikun jista' joggezzjona ghall-proposta attwalment gdida ta' l-istess applikant u ghalhekk l-oggezzjoni tieghu saret fit-termini tal-ligi.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li huwa car li *in vista'* ta' dak indikat mill-istess Awtorita' in konnessjoni mal-bdil ta' l-izvilupp minn dak kif originarjament propost ghal dak eventwalment suggerit li hija stess iddecidiet li kien hemm bdil fis-sustanza ta' l-istess zvilupp, u kien ghalhekk li kien hemm il-htiega li ssir pubblikazzjoni mill-gdid; dan il-kambjament kollu fil-proposta ta' l-istess applikant, anke jekk dettata mill-istess Awtorita' jwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-procedura attwalment adoperata mill-Awtorita' kienet ghal kollox zbjalata, kemm ghar-raguni li l-proposta la darba kienet sostanzjalment differenti minn dik originali kellha anke tigi ppubblikata meta effettivament giet proposta u mhux fi stadju ulterjuri, izda wkoll li fil-verita' din il-proposta l-gdida, proprju minhabba li kienet sostanzjalment differenti minn dik originarjament proposta, qatt ma kellha tigi kkonsiderata bhala rikonsiderazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 37** u dan ghaliex kien hemm effettivament bdil fis-sustanza ta' l-izvilupp; tant huwa minnu dan li l-istess zvilupp kif effettivament approvat qatt ma setgha jaqa' taht id-deskrizzjoni tal-applikazzjoni originali attwali u kien ghalhekk li l-istess Awtorita' nnifisha ddecidiet li kien jehtieg li jkun hemm pubblikazzjoni mill-gdid u dan peress li deher car li l-izvilupp kif attwalment approvat ma setgha

qatt jigi nkorporat fl-izvilupp deskritt fl-applikazzjoni originali.

Illi huwa veru li l-konsiderazzjoni jekk pjanti godda humiex tali li jbiddlu s-sustanza ta' l-izvilupp huwa punt ta' fatt u allura mhux determinabbli u sindakkabbli minn din il-Qorti, izda f'dan il-kaz jirrizulta li d-decizjoni li tali pjanti godda jammontaw ghall-tibdil fis-sustanza ta' l-izvilupp giet moghtija mill-istess Awtorita' bil-kliem fuq indikat citat mill-appellanti u kien ghalhekk li hija esegiet li ssir pubblikazzjoni tal-proposta gdida proprju minhabba dan it-tibdil sostanzjali fl-istess zvilupp; B'hekk din il-Qorti thoss li bid-decizjoni u l-passi li hadet l-istess Awtorita' stess li minhabba dak li kkunsidrat bhala bdil fid-diskrezzjoni ta' zvilupp jkun hemm pubblikazzjoni tal-istess proposta, dan kien effettivament ifisser li l-istess Awtorita' kkonsidrat li dan il-bdil fl-izvilupp kien jammonta ghall-bdil sostanzjali ta' l-istess, u b'hekk  dan il-punt ta' fatt gie deciz mill-istess Awtorita' fis-sens li zvilupp li kien jikkonsisti originarjament "*terraced house, maisonette u 34-il garaxx u twaqqiegh ta' hajt divizzorju*" kien ben differenti minn dak li fl-ahhar gie sottomess li kien jikkonsisti *"f'terraced house, maisonettes and 15 garages and demolition of existing boundary wall";* anzi jirrizulta car li l-istess proposti tant huma differenti minn xulxin li l-Awtorita' ma kellhiex alternattiva hlief li taghddi ghall-pubblikazzjoni mill-gdid ta' l-istess.

Illi ladarba dan il-punt ta' fatt gie deciz mill-istess Awtorita' isegwi li legalment kellha tigi segwita procedura differenti minn dik ta' rikonsiderazzjoni u dan peress li tali tibdil ma setax isir taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 37** izda kellu jkun oggett ta' procedura gdida u applikazzjoni gdida.

Illi fil-fatt kien hawn li l-istess Awtorita' naqset milli tosserva l-ligi u dan peress li la darba kien hemm dan il-bdil sostanzjali fl-istess zvilupp propost, anke jekk suggerit mill-istess Awtorita', dan ma kellux ikun suggett ta' rikonsiderazzjoni izda ta' applikazzjoni mill-gdid ghall-zvilupp; fil-fatt l-istess Awtorita' kienet tant konxja ta' dan li l-izvilupp il-gdid gie ppubblikat a bazi ta' **l-artikolu 32** u gie ekwiparat ghalhekk mill-istess Awtorita' bhala

applikazzjoni u allura proposta ben differenti minn dik originarjament sottomessa mill-applikant.

Illi b'hekk din il-Qorti thoss li l-ewwel aggravju huwa gustifikat u l-istess appellant odjern ghandu jigi kkunsidrat bhala *third party registered objector* u ghalhekk tiddikjara nulla u bla effett id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 14 ta' Lulju 2006.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li dan jirrizulta wkoll li huwa gustifikat u dan peress li tali pubblikazzjoni kellha ssir meta l-applikazzjoni kienet emendata u mhux wara li l-istess applikazzjoni giet approvata u dan anke sabiex tinghata opportunita' sabiex minn ikun oggezzjona skond il-ligi jkun jista' jressaq l-ilment tieghu a bazi ta' l-istess sabiex jigi kkunsidrat. Fil-fatt din il-Qorti thoss li anke a bazi ta' dak indikat f'din is-sentenza l-istess proposta kif mibdula mill-istess applikant ma setghatx tigi kkunsidrata fl-istadju ta' rikonsiderazzjoni kemm ghaliex kien hemm bdil sostanzjali fl-izvilupp propost li ma kienx jippermetti li tali applikazzjoni tibqa' miexja skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 37 tal-Kap 356** u wkoll peress li la kien hemm tali bdil tal-istess proposta, kellu jkun hemm pubblikazzjoni gdida, u ovvjament dan jinvolvi li jigu trattati l-oggezzjonijiet li jkunu dahhlu ghall-istess proposta, li strettament ma setghux jigu kkunsidrati taht it-termini ta' rikonsiderazzjoni.

Illi dan huwa konsonanti ma' dak li jipprovdi l-**artikolu 6.1. tal-PA 4/97:-**

*"If amended plans are received in relation to a valid application and these plans substantially alter the nature of the development (especially in terms of scale and use) the application will be re-advertised in the press."*

Illi isegwi minn dan li certament tali pubblikazzjoni kellha ssir qabel ma jkun hemm xi forma ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni jew xi Awtorita' ohra, u dejjem dan suggett ghall-konsiderazzjoni, li din il-Qorti thoss li ma setghetx issir taht l-istadju ta' rikonsiderazzjoni – proprju minhabba l-bdil sostanzjali fl-izvilupp emendat ghal dak

originarjament propost. Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-procedura ta' rikonsiderazzjoni ma kenitx applikabbli ghall-kaz in ezami u ghalhekk kellu jibda kollox mill-gdid u din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp eccediet il-poteri taghha kemm meta kkunsidrat l-istess bdil ta' pjanti taht il-procedura ta' rikonsiderazzjoni meta kien hemm bdil sostanzjali fl-izvilupp u kif ukoll allura meta taht l-istess procedura hija ghaddiet sabiex approvat il-permess skond il-pjanti riveduti, pjanti li biddlu s-sustanza ta' l-izvilupp, u anke ghaliex ma kkonsidratx l-opposizzjoni tat-terz li saret skond il-ligi wara l-pubblikazzjoni mill-gdid tal-proposta kif emendata.

Illi dan qed jinghad peress li jidher car li ghalkemm wara s-sentenza fl-ismijiet **'Dr Austin Attard Montalto et nomine vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 20 ta' Awisu 1996) dahhlu fis-sehh l-emendi tal-1997 li llimitaw l-appell li setgha jaghmel terz interessat fis-sens li tali appell ma setax isir f'kull stadju izda dan kellu jaghmel l-oggezzjoni tieghu bil-mod indikat bil-miktub mid-data tal-pubblikazzjoni ta' proposta' ta' zvilupp, u ghalhekk l-iskop ta' tali emenda kien li kull min ghandu interess fl-istess zvilupp kellu jaghmel l-opposizzjoni tieghu mal-ewwel opportunita' li tinghata lilu u din l-opportunita' giet ikkunsidrata bhala dik meta ssir il-pubblikazzjoni relattiva tal-proposta (**"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001) "**Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. C. – 27 ta' April 2006) u dik fl-ismijiet **"Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Limited et"** (P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004). Pero' min-naha l-ohra ma jirrizultax li l-*mens legis* ta' tali emenda kienet li tillimita tali oggezzjoni ghall-applikazzjoni originali biss, iktar u iktar meta jkun hemm bdil sostanzjali fl-istess proposta originali, bhal ma gara f'dan il-kaz, izda ghal kull proposta ta' zvilupp u din il-Qorti thoss li l-uzu tal-kelma "proposta" huwa f'dan is-sens wiehed sinfikanti.

Illi fil-fatt mill-*fattispecie* tal-kaz odjern din il-Qorti thoss li tali tibdil fid-deskrizzjoni u fl-entita' ta' l-izvilupp ma setax

jibqa' jigi kkonsidrat bhala wiehed ta' semplici rikonsiderazzjoni tenut kont tal-bdil sostanzjali mill-proposta originali, tant li l-Awtorita' appellata sahanistra fir-risposta taghha ta' dan l-appell, ikkoncediet li kellu jsir *re publishing* minhabba l-bdil fil-proposta, u dan proprju jikkonferma l-bdil sostanzjali li kien hemm mill-izvilupp originali, tant li dak li gie qabel bil-ligi pubblikat qatt ma setgha jikkombacja ma' dak attwalment propost, lanqas fid-deskrizzjoni tieghu stess u dan jirrizulta car mill-entita' stess tal-proposta originali u dik ahharija fejn in-numru biss ta' unitajiet suggeriti huma sostanzjalment differenti. Certament li abbazi ta' dan ma jistax jinghad (kif qalet l-Awtorita' appellata) li l-pubblikazzjoni kienet ghalhekk biss formalita'!

Illi jigi nnutat ukoll li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar giet moghtija fl-ismijiet "Il-Perit Wilfred De Battista vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar" u din il-Qorti thoss li dan ukoll huwa zball determinati fl-istess proceduri ghaliex certament li l-istess okkju tal-proceduri l-isem ta' l-applikant Paul Farrugia kellu jkun inkluz fl-ismijiet tal-istess procedura u ghalhekk din il-Qorti thoss li anke ghal din ir-raguni d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija nulla u bla effett.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell odjern ghandu u qed jigi milqugh fis-sens li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Perit Wilfred De Battista vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** tal-14 ta' Lulju 2006 qed tigi ddikjarata bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Awtorita' appellata kontenuti fir-risposta taghhom ghal dan l-appell datata 12 ta' Frar 2007 u tal-kjamat fil-kawza Paul Farrugia fir-risposta tieghu datata 7 ta' Frar 2007, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Perit Wilfred De Battista fir-rikors tieghu datat 31 ta' Lulju 2006 fis-**

**sens hawn deciz** u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Perit Wilfred De Battista vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** tal-14 ta' Lulju 2006 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u tal-kjamat fil-kawza Paul Farrugia.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------